**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs.**

**Lindsay Magri**

Kaz Numru: 426/2015

Illum 20 ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Lindsay Magri**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, bint Mario Magri u Jennifer neé Spiteri, imwielda Pietà nhar il-5 ta' Awwissu, 1988, residenti fil-fond numru 2, Triq l-Ergett Isfar, Luqa, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 361588(M)

akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, f'Mejju 2014, u/jew fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin mill-istess imputata, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ikkommettiet serq ta' flus u/jew cekkijiet u/jew xi oggetti ohra, liema serq hu aggravat bil-valur, li ma jeccedix elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-persuna, u li sar ghad-dannu ta' *Aequitas Legal* u/jew ta' xi persuna/i u jew ta' xi entita'/entitajiet ohra;

2. approprjat ruhha billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju meta l-ammont tal-hsara maghmula mill-imputata ghad-dannu ta' *Aequitas Legal* u/jew ta' xi persuna/i u jew ta' xi entita'/entitajiet ohra kien aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) *ai termini* tal-Artikolu 301(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. bi hsara ta' haddiehor ghamlet xi qliegh iehor b'qerq ghad-dannu ta' *Aequitas Legal* u/jew ta' xi persuna/i jew ta' xi entita'/entitajiet ohra;

akkuzata wkoll talli f'dawn il-Gzejjer, f'Mejju 2015, u/jew fix-xhur ta' qabel:

4. meta l-indirizz fuq il-Karta tal-Identita' ta' l-imputata ma baqax iktar validu jew, xort'ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, hija naqset milli tirraporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqset milli tikkonsenja l-istess Karta tal-Identita' mhux korretta lil, u li taghti taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 8).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputata, l-imputata tat il-kunsens taghha sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien ragonevoli tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li li t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata jistghu jigu kunsidrati bhala alternattivi ghall-ewwel (1) imputazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata ghar-reati addebitati lilha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputata, l-ammissjoni bikrija taghha, il-fedina penali taghha (*a fol.* 4) (li hija wahda kompletament nadifa), id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata jistghu jigu kunsidrati bhala alternattivi ghall-ewwel (1) imputazzjoni, u, kif ukoll, il-kontenut ta' Dok. "RM 1" ezebit fis-seduta tallum. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata, wara li rat Artikoli 18, 261(c), 261(d), 267 u 268(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 19(1) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Lindsay Magri hatja tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba kontra taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

__________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**